**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 3/02 AJD**
**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera 'The Performing Right Society Limited" ta' Londra**

**vs**

**Michael Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm20.70) dovuti in kwantu ghal Lm18.00 'Royalty' u Lm2.70 Taxxa fuq il-Valur Mizjud, dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja 011154 (Dok . A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici afavur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Mermaid Paradise, ghall-perijodu mill-4 ta' Gunju 2001

sal-5 ta’ Gunju 2002.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Awissu 2001 u bl-imghax kummercjali dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm20.70) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Awissu 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**